MALTA

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## Magistrat Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)

**Illum l-Hamis, 31 ta’ Jannar 2019**

Rikors Numru 132/2016

**Antonella Calleja**
**(ID 487186M)**

**vs**

**Catherine Grech**
**(ID 271968M)**

Il-Qorti,

### 1. Premessi

1. Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-13 ta’ Gunju 2016 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimata is-segwenti:

    *Thallas dik is-somma kif likwidata min din l-Onorabbli Qorti rappresentanti servigi resi mir-rikorrenti fil-konfront tal-mama tieghek Jane, illum defunta.*

    *Ghal fini ta’ kompetenza, qed jigi dikjarat li din is-somma ma tissuperax l-ammont ta’ hdax-il elf, u sitt mitt Euro (€11,600).*

2. Rat ir-risposta ta’ l-intimata **Catherine Grech** ippresentata fil-11 ta’ Lulju 2016 fejn laqghet ghal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difizi:

    *1. Illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-gudizzju ma jistax ikun integru ladarba l-kawza ma saritx ukoll konrta hu l-konvenuta u cioe Patrick Bugeja stante li z-zewgt ahwa huwa eredi ugwali u ndaqs ghall-wirt tad-defunta Jane Bugeja liema wirt ghadu ma giex diviz bejn l-eredi.*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attrici qatt ma pprestat servigi u anke jekk se mai ippresta xi servigi din giet imhallsa taghhom stante li kienet tabita mad-defunta.*

## 2. Provi

1. Rat illi fit-28 ta' Settembru 2016, dina l-Qorti diversament ppresjeduta, in vista tal-ewwel eccezzjoni, ordnat illi jingiebu provi dwar l-ewwel eccezzjoni.

2. Rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti fis-26 ta' Ottuburu 2016, li jinkludu wkoll id-decizjoni parzjali dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' dina l-Qorti, kif ippresjeduta, fil-kawza **Patrick Bugeja vs Catherine Grech,** Rik Nru 310/15FDP, illi qed tigi deciza kontestwalment mal-kawza odjerna.

3. Rat l-affidavit ta' **Antonella Calleja** ippresentat fit 30 ta' Novembru 2016.

4. Rat ix-xhieda ta' **Patrick Bugeja**, prodott mir-rikorrenti u moghtija fit 22 ta' Frar 2017.

5. Rat l-affidavit ta' **Lourdes Borg** prodott mir-rikorrenti u ippresentat fis-26 ta' April 2017.

6. Rat ix-xhieda ta' **Victor Azzopardi** prodott mir-rikorrenti u moghtija fis-26 ta' April 2017.

7. Rat ix-xhieda ta' **Mark Anthony Psaila** prodott mir-rikorrenti u moghtija fis-26 ta' April 2017.

8. Rat ix-xhieda in subizzjoni ta' **Catherine Grech** moghtija fit-8 ta' Gunju 2017.

9. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Magro** prodott mir-rikorrenti u moghtija fit-28 ta' Gunju 2017.

10. Rat illi fit-28 ta' Gunju 2017 ir-rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

11. Rat l-affidavit ta' **Catherine Grech** ippresentat fit-13 ta' Settembru 2017 flimkien ma' dokumentazzjoni minnha ppresentata.

12. Rat ix-xhieda in kontro ezami ta' Antonella Calleja moghtija fit-18 ta' Ottubru 2017.

13. Rat ix-xhieda ta' Antonella Callejja moghtija minn jeddha fl-14 ta' Dicembru 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnha ppresentati, ossija Profit & Loss Accounts tan-negozju taghha ghas-snin 2008, 2009 u 2010.

14. Rat id-dokumentazzjoni esebita minn Catherine Grech fl-14 ta' Dicembru 2017.

15. Rat illi fl-10 ta' April 2018 il-kawza odjerna giet differita sabiex tinstema minn dina l-Qorti, kif ippresjeduta, sabiex timxi kontestwalment mal-kawza 310/15 fl-ismijiet '**Patrick Bugeja vs Catherine Grech**'.

16. Rat illi fis-26 ta' April 2018 tqabbdet l-Assistent Gudizzjaru Dr Elena Naudi Depasquale sabiex tisma l-kontro ezami ta' Lourdes Borg, liema kontro ezami sar fl-14 ta' Mejju 2018.

17. Rat illi fl-4 ta' Gunju 2018 il-partijiet qabblu illi l-provi migbura fil-kawza '**Patrick Bugeja vs Catherine Grech**' Rikors Numru 310/2015 japplikaw ghal kaz odjern ukoll.

18. Semghet il-kontro ezami ta' Catherine Grech illi sar fil-25 ta' Gunju 2018.

19. Rat illi fil-25 ta' Gunju 2018 il-partijiet qabblu illi ma kienx hemm aktar provi x'jippresentaw u ghalhekk il-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijiet bil-miktub.

20. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-abbli difensur tar-rikorrent ippresentati fis 6 ta' Novembru 2018.

21. Rat is-sottomissjonijet bil-miktub ta' l-abbli difensur tal-intimata ppresentati fid 9 ta' Jannar 2019.

22. Rat illi fl-10 ta' Jannar 2019 il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

## 3. Konstatazzjonijiet fattwali.

1. Jirrizulta, mill-provi presentati, illi r-rikorrenti Antonella Calleja bdiet relazzjoni ma' Patrick Bugeja fl-10 ta' Mejju 2009, illi jigi hu l-intimata Catherine Grech, illi t-tnejn huma ahwa u l-unici tfal ta' Giovanna Bugeja.

2. Jirrizulta, illi omm il-partijiet, Giovanna Bugeja, mietet fl-14 ta' Awissu 2010 u mietet eventwalment rizultat ta' tumur f'rasha li wassalha sabiex titlef il-vista taghha ghall-ahhar periodu ta' hajjitha. Omm l-intimata, Giovanna, kienet, qabel ma gie skopert il-marda ta' missier l-partijiet, gia qieghda tbaghti minn marda kronika fil-pulmun, liema marda hija baqghet tikkura sakemm eventwalment mietet.

3. Jirrizulta, kif ammess mill-intimata fix-xhieda taghha, illi fl-ahhar sentejn ta' hajjet ommha, Giovanna Bugeja, huma ma kienux jitkellmu u lanqas ma kienet taf illi kienet rikoverata gewwa l-Isptar fl-ahhar jiem ta' hajjitha, u kien biss meta gharrafha titifel taghha li kien sar jaf minn xi hadd iehor, illi saret taf illi ommha kienet attwalment mietet.

4. Jirrizulta illi, ftit wara illi bdiet ir-relazzjoni ma' Patrick Bugeja, r-rikorrenti indunat illi kien jenhtieg illi tmur tghix ma' Patrick Bugeja fid-dar ma' ommu, sabiex tassisti lill ommu illi kellha bzonn li ttittiehed hseib minhabba fil-problemi illi kellha.

5. Jirrizulta, di fatti, kif mhux kkontestat, illi ghal xi nofs Gunju 2009, ir-rikorrenti marret tghix fir-residenza ta' Patrick Bugeja, sabiex tkun tista tghin ukoll lill Giovanna Bugeja.

6. Jirrizulta illi r-rikorrenti ghandha hanut gewwa Bugibba u tahdem bhala '*Beauty Therapist*', u rizultat tal-fatt illi kienet qieghda tghin tiehu hsieb lill-omm l-intimata, hija kienet tinzel ta' spiss minn Bugibba meta jkun hemm bzonn.

7. Jirrizulta, mill-provi prodotti, inkluz ix-xhieda ta' Lourdes Borg illi tigi oht omm l-intimata, imsejjha ukoll bhala 'Zija Lourdes', Victor Azzopardi, illi kien Care Workers gewwa Mater Dei, u Mark Anthony Psaila w Joeph Magro, hbieb ta' Patrick Bugeja u Antonella Grech, illi

minn meta r-rikorrenti dahhlet tghix fid-dar ma' Patrick Bugeja sakemm eventwalment mietet Giovanna Bugeja, hija kienet dejjem iddur u tiehu hsieb lill-Giovanna Borg u, fi kliem Mark Anthony Psaila, Giovanna Borg sabet bint fir-rikorrenti wara illi bintha, ossija l-intimata, kienet abbandunata.

8. Jirrizulta illi r-rikorrenti, kif gia indikat, ghandha negozju ta' 'Beauty Therapist', li rregistra qliegh ta' €11,744 fis-sena 2008, liema qliegh naqas ghal €7,446 fis-sena 2009 u reggha naqas ghal €6,959 fis-sena 2010, liema nuqqas ir-rikorrenti tqis kien rizultat tal-fatt illi kellha regolarment thassar appuntamenti u xoghol sabiex toqghod ma' omm l-intimata u jew tmur tghinnha fejn kien hemm bzonn.

9. Jirrizulta illi fl-20 ta' April 2015 ir-rikorrenti interpellat lill-intimata permezz ta' Ittra Ufficjali Nru 1420/15, biex taddivjeni ghall-likwidazzjoni u hlas ta' servigiu kumpens.

## 4. Konsiderazzjoni dwar id-difiza

1. Jirrizulta illi l-intimata, fid-difiza minnha mqajjma, ghamlet referenza ghal tlett linji difensjonali:
    - illi l-azzjoni hija preskritta bit-trapass tal-periodu preskrittiv ta' hames snin;
    - illi l-gudizzju ma kienx integru stante illi Patrick Bugeja kien werriet flimkien maghha
    - illi r-rikorrenti ma kellha ebda dritt ta' servigi.

## Preskrizzjoni

2. Jirrizulta illi, dwar l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni, ma huwiex kkontestat illi Giovanna Bugeja mietet fl-14 ta' Awissu 2010.

3. Jirrizulta illi fl-20 ta' April 2015 ir-rikorrenti baghtet Ittra Ufficjali lill-intimata.

4. Jirrizulta illi fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Jannar, 1955 fil-kawża fl- ismijiet Agostino Pace et vs Antonio Agius noe fejn ingħad espressament li:

> *"l-azzjoni għall-ħlas ta' serviġi u għar-restituzzjoni ta' spejjeż għal somministrazzjonijiet magħmula lill-persuna servuta* ***tippreskrivi ruħha f'ħames snin****; u ċ-ċirkustanza li s-serviġi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhux biżżejjed biex timpedixxi illi l- preskrizzjoni tibda tiddekorri. B'dan li l-kontinwità jew reiterazzjoni tas-serviġi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, għalkemm aċċettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu għas-serviġi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Għaliex l-att ta' persuna li taċċetta mill-ġdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal għall-ammissjoni tad-debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew għal rikonoxximent ta' drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew għal xi rinunzja għall- preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri."*

5. Jirrizulta illi r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas ghas-servigi ghal dak illi jirrigwarda dak li ghamlet ma' omm l-intimata, Giovanna Bugeja, illi mietet fl-14 ta' Awissu 2016, u ghalhekk,

ghalkemm l-azzjoni odjerna giet intavolata fit-13 ta' Gunju 2016, it-trapass tal-periodu preskrittiv kwinkwennali gie interrott bl-Ittra Ufficjali fuq imsemmija.

6. Jirrizulta, ghalhekk, illi l-proceduri odjerni ma humiex preskritti.

## Integrita' tal-gudizzju

7. Jirrizulta illi t-tieni eccezzjoni ta' l-intimata kienet fejn sahqet illi l-gudizzju ma kienx integru stante illi hija eredi flimkien ma' Patrick Bugeja, kif ukoll sahqet illi "*l-attrici qatt ma pprestat servigi u anke se mai ipprestat xi servigi, din giet imhallsa taghhom stante li kienet tabita mad-defunta.*"

8. Jirrizulta illi dwar l-integrita' tal-gudizzju, l-intimata qatt ma talbet li jigi kjamat in kawza Patrick Bugeja, illi huwa wrriet fi kwoti indaqs bhala fil-wirt ta' Giovanna Borg, u li presentement jinsab il-meritu tal-kawza ta' divizjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili Rikors Guramentat Nru 154/16 fl-ismijiet '**Catherine Grech vs Patrick Bugeja**'.

9. Jirrizulta illi l-wirt, sal-gurnata ta' llum, ghadu ma giex diviz u kien fl-interess taghha illi tikkjama lill-Patrick Bugeja fil-kaz odjern, liema talba qatt ma saret, bir-rizultat illi hija tibqa responsabbli ghal dak mitlub mill-wirt tal-mejta Giovanna Bugeja bid-dritt ta' rivalza ghas-sehem ta' l-eredi l-iehor, Patrick Bugeja, f'kaz illi tinstab responsabbli ghal xi dejn tal-wirt.

10. Jirrizulta, ghalhekk, illi it-tieni eccezzjoni ma tistax titqies favorevolment minn dina l-Qorti.

## Ebda Servigi maghmulha

11. Jirrizulta, finalment, illi t-tielet eccezzjoni ta' l-intimata kienet fis-sens illi r-rikorrenti ma pprestat ebda servigi u, semmai, anke kient pprestathom, thallset stante illi keinet ghix mad-defunta omm l-intimata.

12. Jirrizulta illi tali linja difensjonali gie ikkunsidrata fid-dettal fil-kawza **Anthony u Theresa konjugi Sant vs Lucia Chapelle** (Rikors Numru: 380/2013 CSH) deciza fit 30 ta' Settembru 2015, fejn dik il-Qorti kellha dan li gej dwar tali linja difensjonali:

> *... fil-gurisprudenza aktar recenti, anke fir-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li s-servigi jigu resi bi speranza ta' kumpens sakemm ma jezistux cirkostanzi li jiggustifikaw il-gratwita (Ara sentenza* ***Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius*** *(Citaz 1381/1993) deciza mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta Dicembru 2003). Fil-kawza* ***Agius vs Galea*** *deciza fit-12 ta' Frar 1996 gie deciz li l-principju ta' gratwita ma ghandux jigi akkolt facilment. F'sentenza moghtija recentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet '****Maria Lourdes Brincat vs Guiseppe Brincat et****' (Citaz 448/87FS) gie dikjarat illi f'kaz ta' servigi ma hemmx prezunzjoni ta' gratwita. Il-Qorti iddikjarat li "Min jallega li s-servigi saru b'xejn irid igib provi tajbin biex iwaqqa' l-presunzjoni li s-servigi nghataw bi hsieb ta' hlas".*
>
> *Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza "****Borg vs Gaffiero et****" din il-Qorti diversament presjeduta (PA/PS) ghamlet din l-osservazzjoni:*

> *"In materja ta' pretensjoni ghal servigi rezi, il-gurisprudenza taghna irregistrat dan l-izvilupp; Jezistu decizjonijiet li kienu jirritjenu li "ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkoli tal-konsangwinita` huma stretti, meta min jippresta s-servigi ma jkunx sofra perditi materjali, imma jkun inkomoda ruhu personalment, meta ma jkunx hemm cirkostanzi li juru bic-car illi tant mill-parti ta' min jippresta s- servigi kemm ukoll minn dak li a favur tieghu huma prestati kien hemm l- intenzjoni ta' kumpens." ("Esther Farrugia et -vs- Nutar Dr. Carmelo Farrugia noe", Appell Civili, 14 ta' Frar 1938 ;*

*Gja pero` minn zmien antik gie ritenut illi "sebbene un salario per servigi non e` dovuto, se non e` convenuto, oppure se il prestante non ebbe intenzione di farsene pagare ; pure la prestazione gratuita non si presume, e l'animo di donare e la rinunzia a retribuzione non devono facilmente accogliersi - anche se i servigi fossero state prestati colla speranza di un altro vantaggio, se questo non si verifica per fatto non imputabile a chi ha prestato i servigi" - "**Felicia Felice - vs- Giuseppe Vella**", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Gunju 1875;*

*L-indirizz fuq is-suggett hu dak li s-servigi jigu prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il- gratuwita` sija pure minhabba relazzjoni ta' parentela. ("**Giuseppina Deidun et - vs- Emilia Poggi et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Ottubru 1954). Dan ghaliex il-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment ("**Elizabeth Vassallo -vs- Francoise Sultana**", Appell Kummercjali, 11 ta' Frar 1974; "**Mary Grace Attard - vs- Rosario Attard**", Appell Civili, 13 ta' Ottubru 1989) (ara wkoll – "**Agius vs Calleja**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 15 ta' Frar 1958 ; "**Zammit et vs Vella noe**" – Qorti tal-Appell 1 ta` Dicembru 1958 ; "**Delicata et vs Saliba pro et noe**" – Qorti tal-Appell – 22 ta' Mejju 1989 ; "**Caruana pro et noe vs Abela**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 14 ta' Jannar 1965 ; "**Axiaq vs Mifsud et**" – Qorti tal-Kummerc – 9 ta' Jannar 1952).*

3. Jirrizulta, mill-assjem tal-provi, illi r-rikorrenti, illi kellha xoghol taghha bhala 'Beauty Therapy' u illi kienet tghix flimkien mal-genituri taghha, bdiet relazzjoni ma' Patrick Bugeja u, sabiex tkun tista tqatta aktar hin mieghu in vista tal-fatt illi kellu jdur ma' ommu, Giovanna Bugeja, illi ma tantx kienet tiflah, ghazlet illi tmur tghix flimkien mieghu fid-dar ta' Giovanna Bugeja ghal habta ta' Gunju 2009.

4. Jirrizulta illi, bhala rizultat ta' tali ghazla, r-rikorrenti bdiet tiehu hsieb lill-Giovanna Bugeja fil-mard taghha u kienet punt ta' referenza importanti ghall-istess Giovanna Bugeja, illi sahansitra ohtha Lourdes Borg, li xehdet quddiem dina l-Qorti, kkonfermat illi riditha dejjem hdejha.

5. Jirrizulta wkoll illi, rizultat ta' tali decizjoni, r-rikorrent spiccat kellha tibda tnaqqas fix-xoghol taghha, u di fatti, fis-sena 2009, hija rregistrat ftit anqas minn erbat elef Euro (€4,000) anqas fi qliegh mis-sena precendenti, filwaqt illi fis-sena 2010, il-qliegh reggha nizel b'elf Euro ohra (€1,000).

6. Jirrizulta, mill-provi prodotti kemm fil-kawza odjerna kif ukoll fil-kawza Nru 310/15 istitwita minn Patrick Bugeja fil-konfront ta' l-intimata, fejn anke hemm talab ghal servizi minghand ohtu l-intimata, illi omm l-intimata, Giovanna Bugeja, bil-ftit flus illi kellha, kienet thallas lill Lourdes Borg madwar €200 fix-xahar, ghall-ikel, u kienet anke tghaddi mal- €120 fix-xahar lill-omm Antonella talli kienet tghinnha ukoll fl-ikel u hasil.

7. Jirrizulta wkoll illi r-rikorrenti, illi kellha tahrig ta' careworker, kienet tipprovdi ghajnuna bhala careworker lill-Giovanna Borg, liema ghajnuna certament kienet tiswa flejjes konsiderevoli lill-werrieta kieku ngaggaw servizz ta' persuna ohra, u ghalhekk ir-rikorrenti jisthoqqilha illi tinghata kumpens mensili tax-xoghol illi hija kienet ghamlet.

8. Jirrizulta wkoll illi, fuq medda ta' sentejn, ir-rikorrenti tilfet profitt ta' madwar hamest elef Euro (€5,000), liema profitt, ghalkemm mhux garantit, certament kienet tiggenera in vista tax-xoghol illi kienet taghmel ta' 'Beauty Therapist', liema xoghol, fis-socjeta taghna ta' llum, jiggenera xoghol kontinwu u garantit.

9. Jirrizulta, ghalhekk, illi jkun opportun illi parti mill-profitti illi hija tilfet ikunu lilha kkumpensati wkoll.

**5. Konsiderazzjonijiet dwar kumpens**

1. Jirrizulta li, fejn tikkoncerna l-kalkolu tal-kumpens relattiv, il-gurisprudenza taghna tghid li l-linji gwida ghandhom ikunu dawn:

    1) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi ;
    2) il-mezzi tal-persuna li bbenifika mill-prestazzjonijiet ;
    3) il-parentela ta' l-atturi mad-decuius ;
    4) L-isforzi agguntivi li taw is-servienti biex jaqdu lid-decuius;
    5) in-natura tal-prestazzjonijiet u cioe' jekk kienux ordinarji jew straordinarji ;
    6) jekk il-servienti inkorrewx spejjez li taghhom ma gewx rimborsati.
    (ara "**Vassallo vs Aquilina**" – Prim Awla tal-Qorti Civili - 29 ta' Gunju, 1982, "**Cutajar vs Vella**" – Prim Awla tal- Qorti Civili - 6 ta' April, 1982, u "**Buhagiar vs Mifsud**" –Prim Awla tal-Qorti Civili - 1 ta' Frar, 1983).

2. Jirrizulta illi fis-sentenza fl- ismijiet "**Catania noe vs Agius**" deciza fil-11 ta' Dicembru 2003 inghad hekk:

    *"...minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunjiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghall-hlas ta' servigi, kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza Delicata v. Saliba, deciza fit-22 ta' Mejju1989, hi bazata fuq kwazi-kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn min jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is- servigi resi u l-hlas relattiv.*

    *Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, l-kumpens m`ghandux ikun baxx meta l-beneficcjarju jkun marid jew mhux mobbli, b`mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa" (ara - "**Zammit et vs Farrugia Sacco noe**" deciza minn din il-Qorti fit-28 ta` Gunju 1982 u "**Buhagiar noe vs Mifsud noe**", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta` Frar, 1983)*

3. Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi Patrick Bugeja, fuq struzzjonijiet ta' ommu, kien jghaddi kumpens ta €150 fix-xahar liz-Zija Lourdes, ghall-ikel filwaqt illi kien jghaddi kumpens ta' €120 fix-xahar lill omm Antonella talli kienet tghin ukoll fl-ikel u fil-hasil. Ghalhekk,

ikkunsidrat illi r-rikorrenti kien tassisti lill omm l-intimata daqs care worker fil-hinijet ta' filghaxija sa filghodu, huwa gust u meritevoli illi r-rikorrenti tithallas mitejn Euro (€200) fix-xahar ghas-servigi minnha resi lejn omm l-intimata bejn il-14 ta' Gunju 2009 u l-14 ta' Awissu 2010, meta mietet Giovanna Bugeja, jigifieri erbghatax-il xahar (14), ossija total ta' elfejn u tmien mitt Euro (€2,800).

4. Jirrizulta ukoll illi r-rikorrenti f'sentejn, tilfet mal hamest elef Euro fi profitt generat min-negozju taghha u ghalhekk, wara illi jitnaqqas parti minn tali profitti in vista tan-nuqqas ta' certezza taghhom, ikun gust u meritevolu illi r-rikorrenti tithallas s-somma ta' elfejn Euro (€2,000), bhala kumpens ghat-telf ta' qliegh fuq medda ta' sentejn.

5. Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara illi qieset l-affarjiet kollha, tqis illi, *arbitrio boni viri* l-ammont ta' servigi dovuti lir-rikorrent ghandu jkun ta' erbat elef u tmien mitt Euro (€4,800).

## 6. Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimata, u ghalhekk

**Tilqa** it-talba rikorrenti u

**Tillikwida** *arbitrio boni viri* l-ammont ta' hlas dovut lir-rikorrent ghal servigi fl-ammont ta' erbat elef u tmien mitt Euro (€4,800)

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli millum sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku ta' l-intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur